**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 208**

It-Tlieta, 20 ta' Frar 2024

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.02 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippreseda.

**ATTENDENZA**

Il-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika l-Onor. Clayton Bartolo u l-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni l-Onor. Clifton Grima kienu imsiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Albert Buttigieg u l-Onor. Michael Farrugia kienu msiefra fuq xogħol parlamentari.

L-Onor. Ray Abela, l-Onor. Abigail Camilleri u l-Onor. Romilda Zarb kienu skużati.

L-Onor. Aaron Farrugia kien assenti.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta 207 li saret fid-19 ta' Frar 2024 kienu kkonfermati.

**RULING TAS-SEDJA**

L-Ispeaker ta ruling dwar it-talba tal-Onor. Rebekah Borg dwar mistoqsijiet parlamentari li hija għamlet lill-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika, fuq arretrati li għandha tiġbor l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu f'liċenzji minn operaturi turistiċi, li baqgħu mhux imwieġba.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3127 Tweġiba għal Mistoqsija Parlamentari 34 magħmula lis Sedja mill-Onor. Graziella Galea dwar mistoqsijiet parlamentari li saru iktar minn għaxar darbiet u baqgħu mhux imwieġba; u

P.L. 3128 Tweġiba għal Mistoqsija Parlamentari 35 magħmula lis-Sedja mill-Onor. Graziella Galea dwar mistoqsijiet parlamentari li saru bejn ħames u għaxar darbiet u baqgħu mhux imwieġba.

## MISTOQSIJIET

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 13979 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

## TQEGĦID TA' KARTI

Il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi, l-Onor. Chris Bonett, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3129 Pjanta tal-junction ġdida proposta għas-Swieqi/San Ġiljan li se titressaq quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 16311;

P.L. 3130 Applikazzjoni u Proċedura għal Parkeġġ Riservat Personalizzat għal Blue Badge Holders skont l-Avviż Legali 174 tal-2018, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 16362;

f'isem il-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3131 Informazzjoni dwar in-numru ta' applikazzjonijiet li rċeviet l-Awtorità tad-Djar għal tpartit ta' residenzi maqsuma lokalità b'lokalità, fil-perjodu bejn Jannar 2013 u Frar 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 16083;

f'isem il-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3132 Tagħrif dwar il-membri tal-Bord tad-Diretturi tal-Kordin Grain Terminal, bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari numru 16173;

P.L. 3133 Tagħrif dwar il-membri tal-Bord tad-Diretturi tal-Awtorità Maltija tal-Komunikazzjoni (MCA), bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 16174;

P.L. 3134 Tagħrif dwar il-membri tal-Bord tad-Diretturi tal-Malta Government Investments (MGI), bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 16175;

P.L. 3135 Tagħrif dwar il-membri tal-Bord tad-Diretturi tal-Awtorità Maltija għal-Logħob (MGA), bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 16176;

f'isem il-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3136 Termini ta' referenza tat-Town Centre Management Committee ta' Paceville, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 16086;

f'isem il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3137 Avviż Legali Nru 32 tal-2024 – Regolamenti tal-2024 dwar Livell Minimum Globali ta' Tassazzjoni għal Gruppi ta' Intrapriżi Multinazzjonali u Gruppi Domestiċi fuq Skala Kbira fl-Unjoni Ewropea; u

f'isem il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3138 Tagħrif dwar Deputati tal-Gvern li minn April 2013 sa Frar 2024 kienu membri ta' bordijiet li jaqgħu taħt id-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15999.

Il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, l-Onor. Michael Falzon, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3139 Dokument bl-isem *Job Description – Social Welfare Professional* maħruġ mill-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali f'Lulju 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 14588; u

P.L. 3140 Tagħrif dwar in-numru ta' każijiet assenjati lis-Social Welfare Professionals maqsuma skont id-direttorat/aġenzija għall-perjodu Jannar – Ġunju 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 14589.

Is-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, l-Onor. Alison Zerafa Civelli, f'isem il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3141 Tagħrif dwar proġetti riċevuti u proġetti li ġew approvati għall-iskema ta' restawr ta' postijiet/monumenti storiċi f'Malta, maqsuma lokalità b'lokalità, għall-perjodu bejn l-2015 u l-2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15846.

## KUMITATI PERMANENTI

L-Ispeaker informa lill-Kamra li skont paragrafu (4) tal-artikolu 120B tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, fil-laqgħa ta' dakinhar tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, l-Onor. Naomi Cachia, l-Onor. Omar Farrugia u l-Onor. Davina Sammut Hili ssostitwixxew lill-Onor. Clayton Bartolo, l-Onor Glenn Bedingfield u l-Onor. Andy Ellul rispettivament.

## PUNTI MQAJMA MINN ONOR. MEMBRI TAL-KAMRA

L-Onor. Beppe Fenech Adami tkellem dwar il-mewt tal-Kap tal-Oppożizzjoni Russa Alexei Navalny li ġiet irrapportata li seħħet nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Frar 2024, f'ħabs fis-Siberja, u talab li jkun hemm minuta silenzju fil-Parlament biex titfakkar il-memorja ta' Navalny.

Il-Whip tal-Gvern, l-Onor. Naomi Cachia, qalet li n-naħa tal-Gvern kienet qiegħda taqbel illi ssir minuta silenzju.

L-Ispeaker ingħaqad maż-żewġ naħat tal-Kamra u talab lill-Membri preżenti biex iqumu bilwieqfa u jingħaqdu għal ftit mumenti ta' silenzju.

Il-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Bernard Grech, ġibed l-attenzjoni tas-Sedja għar-rapportaġġ fl-Aħbarijiet tat-8.00 p.m. fuq il-PBS tat-Tnejn, 19 ta' Frar 2024, dwar id-diskors li hu kien għamel fil-Parlament fis-seduta ta' dakinhar stess (Seduta 207), meta tkellem fl-istadju ta' Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi dwar Azzjoni dwar il-Klima.

Is-Sedja ħadet nota tal-punt imqajjem mill-Kap tal-Oppożizzjoni u qalet li kienet se tagħti ruling fi stadju ulterjuri.

Il-President tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, l-Onor. Darren Carabott, talab gwida mis-Sedja dwar diżgwid li nqala' fil-laqgħa tal-istess Kumitat li saret dakinhar dwar x'suġġetti għandhom jittellgħu fuq l-aġenda tal-Kumitat.

Is-Sedja ħadet nota tat-talba tal-President tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi u qalet li kienet se tagħti ruling fi stadju ulterjuri.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**1. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-KODIĊI KRIMINALI (EMENDA NRU 4) – ABBOZZ NRU 86**

Il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat, l-Onor. Julia Farrugia Portelli, ipproponiet it-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 4).

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex ikompli jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9" inqara t-tielet darba u għadda.

**2. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT – ABBOZZ NRU 90**

Il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, l-Onor. Miriam Dalli, ipproponiet it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent.

Is-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Rebecca Buttigieg, issekondat.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Miriam Dalli, l-Onor. Rebekah Borg, l-Onor. Darren Carabott, l-Onor. Alicia Bugeja Said, l-Onor. Carmelo Abela u l-Onor. Jerome Caruana Cilia.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, Kap. 549, u sabiex jipprovdi dwar ħwejjeġ oħra li għandhom x'jaqsmu magħhom jew huma anċillari għalihom" inqara t-tieni darba.

Il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir ipproponiet li dan l-Abbozz ta' Liġi jiġi ttrattat mill-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

Fis-6.51 p.m. il-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin u li jitressaq l-aġġornament.

**AĠĠORNAMENT**

Il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, l-Onor. Miriam Dalli, ipproponiet l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar l-Erbgħa, 21 ta' Frar 2024, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jimplimenta Miżuri tal-Estimi | Tieni Qari (Kont.) |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili (Emenda Nru 2) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Attiv Finanzjarju Virtwali | Tieni Qari |
| Mozzjoni Nru 208 – Mozzjoni li temenda l-Avviż Legali 270 tal-2023 | Kontinwazzjoni |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali | Tielet Qari |

-----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 10) | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar il-Kirjiet Residenzjali Privati | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi fuq Azzjoni dwar il-Klima | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Oppożizzjoni mill-Onor. Ivan Bartolo, mill-Onor. Darren Carabott u mill-Onor. Graziella Galea.

Bil-permess tal-Kamra, l-Onor. Darren Carabott, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3142 Artiklu li deher fil-ġurnal *The Times* tat-2 ta' Settembru 1998 bl-isem "Qala council not informed about proposed yacht marina".

Fis-7.20 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 21 ta' Frar 2024, bl-aġenda kif komunikata mill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**